MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-16 ta' Diċembru 2015**

Rikors Maħluf Numru: 147/2015 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Edward Calleja (K.I. numru 438441(M) u b'digriet tas-26 ta' Awwissu 2015 l-avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg ġew maħtura kuraturi depuati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Victor Calleja (K.I. numru 377266(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. (C2833) minn issa "is-soċjetà rikorrenti") ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2015 fejn Joseph Caruana r-rappreżentant tal-istess soċjetà rikorrenti kkonferma bil-ġurament u għar-

raġunijiet imfissra ġie mitlub li din il-Qorti:

*Illi permezz ta' sentenza mogħtija (recte) mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Diċembru 1991 fl-ismijiet "Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Edward Calleja u Victor Calleja" (Ċitazzjoni numru 38/1991 JDC) (Dok "A"), is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' Edward Calleja u Victor Calleja fis-somma ta' sittax-il elf u sitta u tletin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€16,036.66) [ekwivalenti għal Lm6,884.53,7] flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Settembru 1990 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setgħet tigi eżegwita u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Illi d-debitu tal-intimati llum jammonta għal sebgħa u erbgħin elf, tliet mija u ħamsin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€47,350.78) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mit-12 ta' Frar 2015 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Diċembru 1991 fl-ismijiet "Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Edward Calleja u Victor Calleja" (Ċitazzjoni numru 38/1991 JDC) (Dok "A"), bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati.*

Rat ir-Risposta tal-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lill-**eredità**

**ġjaċenti tal-mejjet Victor Calleja** li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Settembru, 2015 u li permezz tagħha osservaw li mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk irriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Rat li l-intimat **Edward Calleja** ma ppreżenta l-ebda tweġiba għalkemm deher fis-seduti tat-2 u tat-30 ta' Novembru 2015 assistit mill-avukat tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti mis-soċjetà rikorrenti.

Qrat l-affidavit ta' Joseph Caruana (a fol. 43 tal-proċess) rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2015 fejn l-avukat Frank Cassar għall-intimat Edward Calleja qal illi s-soċjetà rikorrenti qiegħed jitlob imgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza sal-lum meta l-istess ammont allegatament dovut kien ġie depożitat il-Qorti fl-24 ta' Ottubru, 2011 permezz ta' ċedola ta' depożitu 1397/11 u s-soċjetà rikorrenti f'dawn l-aħħar erba' snin qatt ma mar jiġbor il-flus. Għaldaqstant din il-kawża saret inutilment għaliex il-flus kienu għad-dispożizzjoni tal-bank erba' snin ilu u kien hu li naqas li jiġborhom.

Semgħet ix-xhieda ta' Rose Cortis rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti (a fol. 48 sa 51 tal-proċess) li kkonfermat bil-ġurament li ma sar l-ebda depożitu akkont minn meta ġie ppreżentat ir-Rikors. Rose Cortis kkonfermat ukoll bil-

ġurament li l-flus iddepożitati permezz taċ-ċedola 1397/11 li kien hemm oppożizzjoni għall-iżbank min-naħa tas-soċjetà GO u mis-soċjetà Attard Farm Supplies Limited.

Rat ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini (a fol. 79) li kkonfermat li kien hemm din l-oppożizzjoni għall-iżbank u li għaldaqstant it-talba għall-iżbank kienet ġie miċħuda mill-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li r-rikors jitħalla għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258 (a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li sentenza terġa' ssir eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn għaxar snin mindu setgħet tiġi eżegwita.

Joseph Caruana u Rose Cortis bħala rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti kkonfermaw bil-ġurament illi l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti.

Is-sentenza li s-soċjetà rikorrenti tagħmel riferiment għaliha hija s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Diċembru 1991 fl-ismijiet "Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of

Valletta Limited vs Edward Calleja u Victor Calleja" (Ċitazzjoni numru 38/1991 JDC) (Dok "A"), fejn is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' Edward Calleja u Victor Calleja fis-somma ta' sittax-il elf u sitta u tletin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€16,036.66) [ekwivalenti għal Lm6,884.53,7] flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Settembru 1990 sal-jum tal-pagament effettiv.

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat b'din il-proċedura.[1]

Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt.

Biex sentenza bħal din ikollha effett eżekuttiv, il-liġi (l-Artikolu 256(1) tal-Kap. 12) trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli.

[1] Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba**, deċiża fis-27 ta' Settembru 2012 PA (JRM).

Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(1) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tawtorizza li t-titolu eżekuttiv jiġi rriavvivat biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew f'dan il-każ għaxar snin mindu seta' jiġi eżegwit.

Billi jidher li għaddew aktar minn għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita s-sentenza inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12.

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrenti.

Din il-proċedura sommarja ta' verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi ta' għaxar snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza deċiża fit-12 ta' April, 2012 fl-ismijiet **Bank of**

**Valletta plc vs Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar:**

> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".

Illi in vista tan-natura ta' din l-azzjoni, kif esposta fil-ġurisprudenza suċċitata, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-intimat Edward Calleja u tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u qiegħda fit-termini tal-Art. 258(a) tal-Kap 12, tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Diċembru 1991 fl-ismijiet "Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentnza tal-Bank of Valletta Limited vs Edward Calleja u Victor Calleja" (Ċitazzjoni numru 38/1991 JDC) (Dok "A"), kontra l-intimati għall-ammont kanonizzat li għadu ma tħallasx.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-intimati.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------